

Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14305/18

COPS 431
CIVCOM 231
POLMIL 207
CFSP/PESC 1046
CSDP/PSDC 656
RELEX 960
JAI 1135

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Novembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14047/18 COPS 422 CIVCOM 229 POLMIL 205 CFSP/PESC 1023 CSDP/PSDC 638 RELEX 945 JAI 1112
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-istabbiliment ta' Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-istabbiliment ta' Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Novembru 2018.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL U TAR-RAPPREŻENTANTI
TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,
DWAR L-ISTABBILIMENT TA' PATT DWAR ID-DIMENSJONI ĊIVILI TAL-PSDK**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW it-tfassib tagħhom dwar id-deterjorament tal-ambjent strateġiku tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-emerġenza u l-eskalazzjoni ta' konflitti madwar l-Unjoni u l-persistenza tal-instabbiltà u t-theddidiet u l-isfidi transnazzjonali;

FILWAQT LI JFAKKRU fl-impenn tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha għall-promozzjoni ta' ordni globali bbażat fuq ir-regoli bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u n-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu;

FILWAQT LI JENFASIZZAW il-ħtieġa kontinwa li jissaħħu r-rwol u l-kapaċità tal-UE biex tagħxi bħala fornitur tas-sigurtà permezz tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK);

FILWAQT LI JFAKKRU li l-forza unika tal-Unjoni Ewropea fil-ġestjoni u l-prevenzjoni ta' kriżijiet qiegħda fil-kapaċità tagħha li tibgħat assi u kapaċitajiet ċivili u militari bħala parti minn approċċ usa' integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-kontribut tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali li twettaq mit-total ta' 22 missjoni ċivili tal-PSDK li ntbagħtu mill-2003 'l hawn, inkluż għaxra li qegħdin attwalment fuq il-post, u filwaqt li JESPRIMU l-gratitudni tagħhom għall-irġiel u n-nisa li jservu f'dawn il-missjonijiet;

DETERMINATI li jagħmlu qabża kwalitattiva u kwantitattiva 'l quddiem fil-PSDK ċivili kif mitlub fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2018, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà tal-UE, biex jintlaħaq il-Livell ta' Ambizzjoni stabbilit f'Novembru 2016;

FILWAQT LI JQISU li l-PSDK tipprovdi lill-Unjoni kapaċità operazzjonali permezz ta' assi ċivili u militari mill-Istati Membri u għalhekk FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li t-tisħiħ tal-PSDK ċivili jeħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw il-kapaċitajiet meħtieġa;

FILWAQT LI JINNOTAW li l-Kunsill Ewropew enfażizza ripetutament li l-Ewropej għandhom jassumu responsabbiltà akbar għas-sigurtà tagħhom;

JAQBLU dwar dan il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, li fih linji gwida strateġiċi għat-tisħiħ tal-PSDK ċivili kif ukoll impenji mill-Kunsill u l-Istati Membri, u proposti għal azzjonijiet, bl-għan li jinkisbu dawn l-għanijiet.

I. LINJI GWIDA STRATEĠIĊI

JENFAZZAW li dan il-Patt għandu jwassal għal PSDK ċivili aktar kapaċi, aktar effettiva u aktar koordinata;

JAQBLU li tali kapaċità msaħħa tal-UE li tibgħat missjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet ser:

- Tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-ħames priyoritajiet strateġiċi tal-Istrateġija Globali tal-UE: is-sigurtà tal-Unjoni, ir-reżiljenza tal-istati u s-soċjetajiet fil-pajjiżi ġirien u r-reġjuni tal-madwar, approċċ integrat għall-konflitti u l-kriżijiet esterni, ordnijiet reġjonali kooperattivi, u governanza globali adatta għas-seklu 21;
- Tikkontribwixxi biex jintlaħaq il-livell ta' ambizzjoni tal-UE u t-tliet priyoritajiet strateġiċi tagħha fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, kif maqbula mill-Kunsill f'Novembru 2016, partikularment li tirrispondi għall-konflitti u l-kriżijiet esterni, li tibni l-kapaċitajiet tas-sħab, u li tipproteġi lill-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha, billi twettaq il-kompiti tal-PSDK stabbiliti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);

- Tiffoka fuq il-prijoritajiet ta' Feira li jissaħħu l-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili f'kuntesti fraġli u ta' konflitt bħala l-funzjonijiet ewlenin tagħha, filwaqt li tissottolinja wkoll l-importanza tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) u l-kompiti ta' monitoraġġ;
- Tirrispondi b'ħeffa u determinazzjoni f'sitwazzjonijiet partikolari tul iċ-ċiklu sħiħ ta' konflitt b'enfasi partikolari fuq l-istabbilizzazzjoni kif ukoll fuq il-prevenzjoni, abbażi tal-prijoritajiet tal-UE għall-azzjoni esterna u tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-pajjiż ospitanti;
- Tikkontribwixxi wkoll għar-rispons usa' tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sigurtà, inkluż dawk marbuta mal-migrazzjoni irregolari, it-theddidiet ibridi, iċ-çibersigurtà, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li jittieħed kont ukoll tal-ħtieġa li jiġi ppreservat u protett il-wirt kulturali;
- Tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-pajjiżi sħab filwaqt li tiżgura l-parteċipazzjoni tal-pajjiż ospitanti biex jinkisbu riżultati effettivi u sostenibbli;
- Taħdem b'mod effettiv flimkien mal-istrumenti rilevanti ta' organizzazzjonijiet sħab internazzjonali u strumenti oħra tal-UE bħala parti minn approċċ Ewropew koordinat, ibbażat fuq sinerġiji ċivili-militari fi ħdan il-PSDK kif ukoll kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi tal-Kummissjoni u atturi rilevanti oħra tal-UE bħala parti mill-approċċ integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet bil-ħsieb ta' koerenza u koordinazzjoni mal-involvement usa' tal-UE, inkluż id-dimensjonijiet ta' żvilupp, ta' stabbilizzazzjoni, u dawk umanitarji u politiċi;
- Tikkoopera fejn adatt mas-servizzi tal-Kummissjoni u l-atturi tal-ĠAI bil-ħsieb li jiġu indirizzati t-theddidiet u l-isfidi fir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna u jittejbu s-sinerġiji u l-koerenza anke fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet;

- Tintegra d-drittijiet tal-bniedem u l-aspetti tal-ġeneru fl-attivitajiet kollha u tiżgura l-konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt kriminali internazzjonali, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, il-liġi dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja, b'kont sħiħ meħud tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u r-risoluzzjonijiet sussegwenti, u l-protezzjoni tal-persuni ċivili, permezz tal-fażijiet ta' ppjanar u dawk operattivi tal-missjonijiet, b'rispett ukoll għar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni;
- Tkompli ttejjeb il-viżibbiltà tal-PSDK ċivili u l-kontribut tagħha għas-sigurtà tal-Ewropej u tas-sħab tagħna.

II. IMPENJI

Il-KUNSILL u l-ISTATI MEMBRI jimpenjaw ruħhom li:

PSDK ċivili aktar kapaċi.

1. Jipprovdu kontribut akbar għall-PSDK ċivili – li jista' jkun fil-forma ta' persunal, tagħmir, taħriġ, appoġġ għall-eżerċizzji, kontribuzzjonijiet finanzjarji jew xi forma oħra – fuq bażi individwali jew konġunta u abbażi ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali individwali.
2. Jirrieżaminaw il-proċeduri nazzjonali bħat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-finanzjament u l-leġislazzjoni, fejn xieraq, sabiex isaħħu d-disponibbiltà u l-parteciġipazzjoni ta' esperti nazzjonali f'missjonijiet ċivili tal-PSDK, pereżempju billi l-parteciġipazzjoni tagħhom tiġi integrata aħjar fil-perkors tal-karriera tagħhom.
3. Iżidu b'mod konġunt l-għadd ta' esperti ssekondati fil-missjonijiet, bl-għan li jżidu s-sehem totali ta' esperti ssekondati għal mill-inqas 70 fil-mija tal-persunal fuq missjonijiet internazzjonali, filwaqt li jagħtu prijorità lill-persunal issekondat f'pożizzjonijiet operazzjonali, waqt li jkomplu jippromwovu l-effettività tal-missjonijiet.

4. Jiżviluppaw u jipprovdu l-kapaċitajiet meħtieġa biex l-Unjoni timpenja l-firxa sħiħa ta' missjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet, b'dawn li ġejjin:
 - a. Il-kategoriji ta' kapaċitajiet ewlenin kif ġew definiti oriġinarjament fis-sena 2000 f'Feira tal-pulizija, l-istat tad-dritt, l-amministrazzjoni ċivili, kif ukoll ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-monitoraġġ.
 - b. Il-ħtiġijiet tal-kapaċitajiet, fi ħdan dawn il-kategoriji ewlenin, relatati mar-rispons usa' tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' sigurtà - li jibnu fuq id-Dokument Kunċettwali u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili.
 - c. Kapaċitajiet ta' appoġġ għal missjonijiet (eż sigurtà, IT, kura medika u komunikazzjoni) u ħtiġijiet ġeneriċi u ta' kapaċità (eż rappurtar, komunikazzjoni strateġika u ħiliet ta' ġestjoni).
 - d. Oqsma trasversali bħad-drittijiet tal-bniedem u aspetti tal-ġeneru/tan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.
5. Iħarrġu lill-esperti nazzjonali tagħhom qabel u waqt missjoni f'konformità mal-Politika ta' Taħriġ tal-PSDK, kif maqbul mill-Kunsill, u l-gwida mogħtija wkoll mill-Grupp ta' Taħriġ Ċivili tal-UE biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni u s-sinerġiji fit-taħriġ fil-livell tal-UE, inkluż il-ħtiġijiet ta' taħriġ ta' lingwi rilevanti u ta' taħriġ speċifiku fi sfidi ġodda għas-sigurtà, u billi jittieħdu l-opportunitajiet offruti mill-fornituri ta' taħriġ rikonoxxuti f'koerenza u kontinwità ma' strumenti rilevanti tal-UE.
6. Jagħmlu disponibbli, fuq bażi volontarja u inklużiva, timijiet speċjalizzati li jkunu limitati fl-ambitu, iż-żmien u d-daqs u li jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tal-PSDK ċivili u li huma kapaċi jirrispondu, fejn ikun miftiehem hekk, fi żmien qasir għall-iżviluppi fuq il-post.
7. Jagħmlu disponibbli u jużaw, fejn maqbul, strutturi u faċilitajiet nazzjonali jew multinazzjonali li ser jgħinu biex jiġi appoġġat it-tisħiħ tal-PSDK ċivili f'komplementarjetà sħiħa ma' strutturi eżistenti tal-UE u bl-appoġġ tagħhom.

8. Jibagħtu missjonijiet ċivili tal-PSKD b'mandati modulari u estensibbli fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 42 u 43 TUE, inkluż, fejn adatt, b'kompiti eżekuttivi jew semi-eżekuttivi skont kondizzjonijiet miftehma. Tali mandati għandhom jippermettu l-attivazzjoni ta' kompiti, proġetti jew moduli addizzjonali fi ħdan l-ambitu u l-oġettivi tal-missjonijiet, wara deċiżjoni tal-KPS fejn applikabbli u soġġetti għal analiżi strateġika, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-proċeduri ta' maniġġar ta' kriżijiet. Il-mandati tal-missjonijiet u kemm ser idumu jenħtieġ li jiġu allinjati mal-oġettivi tal-Missjoni u s-sitwazzjoni fuq il-post u, fejn rilevanti, jistgħu jkunu itwal u pluriennali, abbażi ta' deċiżjoni tal-Kunsill.
9. Jippromwovu u jhegħgu teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali aktar rapidu għal missjonijiet ċivili: billi jitnaqqas il-ħin meħtieġ biex jintbagħtu fuq il-post u billi titħalla ssir tmexxija effettiva u flessibbli. Il-bgħit u l-adattament jew iż-żieda ta' kompiti u pożizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni bikrija tal-ħtiġijiet u implikazzjonijiet ta' spejjeż relatati. Jirrieżaminaw u, fejn ikun possibbli, jissimplifikaw il-passi tal-ippjanar u tat-teħid ta' deċiżjonijiet fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' qbil politiku mill-Kunsill biex tintbagħat il-missjoni kif ukoll il-ġestjoni ta' missjoni matul il-fażi tat-twettiq.
10. Itejbu l-ġestjoni tar-Riżorsi Umani billi fost l-oħrajn:
 - a. Jistiednu lir-Rappreżentant Għoli tirrieżamina l-politika u l-proċeduri ta' reklutaġġ tas-SEAE għall-missjonijiet f'koordinament mill-qrib mal-Istati Membri, sabiex jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi umani li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli, biex ir-reklutaġġ jitħaffef u l-proċeduri tas-SEAE jkunu allinjati aħjar ma' dawk nazzjonali.
 - b. Jistiednu lir-Rappreżentant Għoli biex taħdem flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri dwar ir-rieżami tal-istatus tal-impjieg ta' persunal kuntrattwali internazzjonali.
 - c. Jirrieżaminaw il-Kodiċi ta' Kondotta u ta' Dixxiplina għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK, abbażi ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli.

11. Ikunu jistgħu jniedu missjoni ġdida ta' mhux aktar minn 200 membru tal-persunal fi kwalunkwe żona ta' operazzjoni fi żmien 30 jum wara deċiżjoni tal-Kunsill, bit-tagħmir meħtieġ kollu provdut mill-Maħżen Strateġiku f'konformità mal-approċċ fuq diversi livelli u l-Kapaċità Bażika ta' Rispons. Fejn jiġi miftiehem hekk, jistgħu jintużaw timijiet speċjalizzati u formazzjonijiet multinazzjonali bħall-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea biex jikkontribwixxu għal dan l-għan.
12. Itejbu aktar il-kapaċità ta' rispons billi:
 - a. Ifornu t-total ta' persunal meħtieġ għall-Kapaċità Bażika ta' Rispons u jżiduh b'mhux aktar minn 50 espert, li jkunu lesti li jintbagħtu malajr.
 - b. Jiksbu l-kapaċità operazzjonali sħiħa għall-Maħżen Strateġiku fir-rebbiegħa tal-2019 f'konformità mat-termini ta' referenza tiegħu.
 - c. Jirrinforzaw ir-riżorsi ta' appoġġ għal missjoni kemm fil-livell tal-Kwartieri Ġenerali, inkluż il-Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet, kif ukoll fuq il-post kif ikun meħtieġ, u abbażi ta' valutazzjoni.
13. Jidentifikaw punti ta' riferiment operazzjonali mmirati fid-dokumenti tal-ippjanar operazzjonali biex jimmonitorjaw u jkejlu r-riżultati u l-progress lejn stat finali u strateġija ta' transizzjoni definiti sew. Iwettqu l-evalwazzjoni tal-impatt operazzjonali tal-missjonijiet, b'kont meħud tal-aspetti finanzjarji, sabiex jiġu identifikati l-aħjar Prattiki u t-titjib possibbli fil-ġestjoni tal-missjonijiet.
14. Isaħħu l-isforzi fil-qafas tal-Approċċ Integrat tal-UE, biex jiżguraw sjieda u involviment fil-livell lokali u f'dak reġjonali sabiex jinkisbu riżultati effettivi u sostenibbli.
15. Jaħdmu mal-Kummissjoni biex jiżguraw baġit robust tal-PSDK, u l-użu rapidu, flessibbli u effiċjenti tiegħu biex jappoġġa missjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet ġodda u li għaddejjin, sabiex jirrispondu għal-livell il-ġdid ta' ambizzjoni. Dan jippermetti previżjonijiet u prijoritizzazzjoni pluriennali, filwaqt li jimmassimizza wkoll is-sinerġiji ma' finanzjament kumplementari mill-baġit tal-UE. Jistiednu lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jesploraw, b'rispett sħiħ għall-mandati u l-baġits rispettivi tagħhom, inizjattivi konkreti biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp tal-kapaċità tagħhom inkluż billi jiġu kkunsidrati sinerġiji ma' strumenti rilevanti tal-UE jew kontributi minnhom b'żieda mal-baġit tal-PSDK.

16. Jipprovdu integrazzjoni aktar profonda u sistematika tad-drittijiet tal-bniedem u tal-aspetti tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK, inkluż billi jaħtru, bħala regola ġenerali, kunsilliera dedikati fl-ugwaljanza bejn is-sessi u fid-drittijiet tal-bniedem. Jippromwovu b'mod attiv żieda fir-rappreżentanza tan-nisa fost l-esperti internazzjonali fil-livelli kollha tal-missjoni, abbażi ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali akbar u f'konformità ma' politiki u linji gwida maqbula tal-UE u dawk internazzjonali.

<i>PSDK ċivili aktar koordinata</i>

17. Isaħħu l-analiżi kondiviża u l-għarfien tas-sitwazzjoni ma' atturi rilevanti tal-UE.
18. Jimplimentaw approċċ aktar integrat fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' rispons għal kriżi, attivitajiet ta' stabbilizzazzjoni u azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fuq il-post, u jistiednu lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, kif adatt, biex jippreżentaw proposti konkreti f'dan ir-rigward. Il-missjonijiet ċivili tal-PSDK, atturi oħra tal-PESK u atturi fil-qasam tal-iżvilupp, filwaqt li jieħdu kont tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, għandhom ifittxu sinerġiji u jimplimentaw azzjonijiet b'mod kompletament koordinat u b'mod li jirrinforzaw lil xulxin, inkluż bil-ħsieb li jżidu r-reżiljenza u strateġiji effettivi ta' transizzjoni.
19. Irawmu sinerġiji u komplementarjetà bejn id-dimensjoni ċivili u dik militari tal-PSDK, inkluż f'oqsma ta' żvilupp ta' kapaċitajiet u ppjanar operazzjonali u t-tweqqif ta' missjonijiet mibgħuta fl-istess post, b'mod partikolari f'appoġġ għal missjoni.
20. Jippromwovu kooperazzjoni u sinerġiji eqreb u li jirrinforzaw lil xulxin bejn il-missjonijiet ċivili tal-PSDK, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-atturi tal-ĠAI, billi jibnu fuq ir-rwoli uniċi rispettivi tagħhom u fi ħdan il-mandati tagħhom, kif ukoll bħala valur miżjud, mill-ippjanar strateġiku sat-tweqqif operazzjonali u l-kondivizzjoni ta' informazzjoni, inkluż bit-tisħiħ tal-għarfien espert marbut mal-ĠAI fi ħdan strutturi rilevanti tal-PSDK. Dan jinkludi wkoll l-involvement, fejn ikun adatt, tas-servizzi tal-Kummissjoni u tal-atturi tal-ĠAI f'konsultazzjonijiet, l-iżvilupp ta' kunċett, l-ippjanar, il-valutazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet b'rispett sħiħ għall-qafas istituzzjonali.

21. Jiżguraw riżultati operazzjonali ta' tali kooperazzjoni bejn il-PSDK u l-ĠAI abbażi tal-mandati rispettivi tagħhom billi jiġu kkunsidrati, fejn ikun adatt, linji ġodda ta' operazzjonijiet jew proġetti pilota f'missjonijiet ġodda jew attwali tal-PSDK, inkluż billi jibnu fuq kunċetti żgħar immirati, b'rispons għall-ħtiġijiet lokali u f'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u l-atturi tal-ĠAI. Il-proġetti pilota għandhom ukoll jieħdu kont tat-tliet prijoritajiet tal-Livell ta' Ambizzjoni kif stabbilit mill-Kunsill, filwaqt li jiffokaw fuq l-iżvilupp u t-tiżiħ tal-kapaċità tas-sħab għall-prevenzjoni ta' konflitti, il-bini tal-paċi u l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara kriżi, u għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-proċeduri ta' maniġġar ta' kriżijiet.
22. Jintensifikaw il-kooperazzjoni ma' pajjiżi li jospitaw missjonijiet tal-PSDK u jtejbu s-sħubiji li huma ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet b'mod partikolari n-NU, in-NATO u l-OSKE, kif ukoll l-UA u l-ASEAN rigward kwistjonijiet ta' politika u standards komuni. Jippromwovu l-kontribuzzjonijiet ta' Stati Terzi għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK skont il-każ u jappoġġaw aktar kooperazzjoni magħhom għal dan il-għan skont proċeduri miftiehma.

III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-KUNSILL u l-ISTATI MEMBRI jistiednu lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-impenji ta' hawn fuq f'konformità sħiħa mal-qafas legali applikabbli u l-mandati tal-atturi differenti tal-Unjoni, fi ħdan il-limiti attwali u futuri tal-Ipprogrammar Finanzjarju tal-PESK u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri.

Il-KUNSILL u l-ISTATI MEMBRI jaqblu li:

- Jistiednu lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw Pjan ta' Azzjoni konġunt SEAE/Kummissjoni sa kmieni fir-rebbiegħa tal-2019, li jistabbilixxi passi konkreti li għandhom jittieħdu mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jikkontribwixxu għal implimentazzjoni koerenti ta' dan il-Patt. Dan għandu, fost l-oħrajn, jinkludi proposti mir-Rappreżentant Għoli għat-titjib tal-aspetti operazzjonali tal-PSDK ċivili;

- Jiżviluppaw Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali, abbażi ta' mudell indikattiv, li jagħti bidu għal proċess dinamiku u interattiv fil-livell nazzjonali;
- Iniedu proċess annwali għar-rieżami tal-progress imwettaq mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Patt abbażi tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni konġunt SEAE/Kummissjoni. Dan għandu jinkludi Rapport Annwali Ċivili dwar il-Kapaċitajiet li għandu jiġi pprovdut mis-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna. Ir-rieżami għandu jidentifika lakuni fil-kapaċitajiet, u jgħin biex dawn jiġu indirizzati permezz ta' sforz kooperattiv bejn l-UE u l-Istati Membri, kif ukoll fost l-Istati Membri. Dan għandu jappoġġa lill-Istati Membri biex itejbu d-disponibbiltà tal-kapaċitajiet meħtieġa, inkluż billi jikkondividu l-aħjar prattiki u l-lezzjonijiet meħudin u għandu jkun marbut mad-diskussjonijiet dwar il-baġit tal-PESK;
- Jagħmlu l-ewwel Konferenza Annwali dwar il-PSDK Ċivili fit-tieni semestru tal-2019 biex jiġi evalwat il-progress u jiġu identifikati l-prijoritajiet għall-ħidma futura;
- Jappoġġaw it-tnedija u l-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK bi strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva;
- Iwettqu b'mod sħiħ dan il-Patt malajr kemm jista' jkun, sa mhux aktar tard mis-sajf tal-2023.
